**27 ta' April, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Lawrence *sive* Lorry Sant

*versus*

In-Nutar Ġużè Abela, Everist Bartolo, Sammy Meilaq, il-Professur Edwin Grech, Agatha Barbara, ilkoll f'isimhom personalment kif ukoll bħala membri għan-nom u in rappresentanza tal-Bord ta' Viġilanza u Dixxiplina tal-*Malta Labour Party;* u Joe Portelli u Jimmy Magro bħala President u Segretarju Ġenerali rispettivament tal-*Malta Labour Party* għan-nom u in rappresentanza ta' l-istess

**Xhieda – Rilevanza ta' – Esenzjoni ta' Xhud – Privileġġ – Grad ta' Privileġġ Relattiv – Sigriet – Konfidenzjalità – Sigriet Professjonali**

*Digriet tal-Qorti dwar l-ammissibbilità ta' ċerti mistoqsijiet. Rassenja utili wisq dwar il-prinċipji fil-proċedura ċivili relattivi għax-xhieda, is-sigriet professjonali u l-limiti ta' komunikazzjoni konfidenzjali.*

Il-Qorti: –

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Marzu, 1993, li fiha kien beda *jixhed* ix-xhud *Onorevoli Evarist Bartoli, M.P., prodott* in eżami mill-attur;

F'dak il-verbal ġie rreġistrat hekk:

"Dr. Vassallo għall-attur talab lix-xhud biex jgħid għand min qegħdin xi dokumenti relattivi għall-investigazzjoni tal-Bord tal-Viġilanza fuq l-attur li jeżistu imma li m'humiex f'idejh;

"Ix-xhud Evarist Bartolo jgħid illi ma jħossx li għandu jagħti din l-informazzjoni għaliex huwa marbut ma' l-Istatut stess illi dak li jsir fil-Bord tal-Viġilanza ma jistax jiżvelah;

"Il-Qorti tirriserva li tagħti provvediment fuq dan l-inċident jekk ikun il-każ fi stadju ulterjuri;

"Dott. Vassallo jitlob li jkun jaf in-numru ta' laqgħat tal-Bord fejn ġie ttrattat xi każ li jirrigwarda l-attur, meta saru, min mill-membri kienu preżenti, in-numru ta' rapporti u meta saru dawn ir-rapporti;

"Dott. Karmenu Mifsud Bonnici għall-konvenuti jiddikjara

illi ma jħossux li dawn id-domandi huma rilevanti għall-kawża kif impostata, u dana apparti l-fehma tal-membri tal-Bord tad-Dixxiplina kif allura kompost;

"Dott. Vassallo għall-attur jispeċifika u jsostni illi l-provvediment ta' l-Istatut dwar il-Bord tal-Viġilanza minn 1 sa 6 ġew kollha miksura";

Rat li fl-istess verbal il-Qorti ddifferiet il-kawża biex tipprovdi fuq dan l-inċident;

Rat *l-atti kollha tal-kawża;*

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tagħmel qabel xejn is-segwenti preċiżazzjonijiet;

1. Ix-xhud Bartolo ssottometta illi hu "ma jħossx li għandu jagħti din l-informazzjoni għaliex huwa **marbut mill-Istatut stess** illi dak illi jsir fil-Bord tal-Viġilanza ma jistax jiżvelah". Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-kopja uffiċjali ta' l-Istatut esibita in atti u ma ssibx din is-sottomissjoni fundamentali. Minn imkien ma tirriżulta din ir-rabta għas-segretezza fit-termini proposti mix-xhud;

2. Hu minnu illi l-artikolu 5 tal-Kap. VIII ta' l-Istatut li jipprovdi għat-Twaqqif tal-Bord ta' Viġilanza u Dixxiplina, għall-komposizzjoni tiegħu, il-funzjonijiet tiegħu, proċeduri li għandhom jiġu segwiti u materji konnessi hekk jistabbilixxi: "Il-Bord **għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu** biex jipproteġi l-

identità ta' kull min jidher quddiemu jew quddiem Membri tal-Bord''. Il-Qorti tifhem illi dan ifisser (1) il-protezzjoni ta' l-identità tal-persuni li magħhom il-Bord ikun għamel kuntatt – mhux neċessarjament persuni li għamlu rapport lilha jew li kienu direttament jew indirettament involuti fil-fatti li taw lok għar-rapport – għandha tirriżulta minn eżerċizzju ta' diskrezzjoni tal-Bord innifsu kif manifestata f'deċiżjoni tiegħu u mhux minn deċiżjoni ta' xi membru tiegħu singolu. Deċiżjoni tal-Bord simili ma tirriżulta minn imkien. Anke jekk fl-aħjar ipotesi għax-xhud, din il-klawsola tiġi interpretata b'mod illi tagħti anke diskrezzjoni lill-membru singolu, il-protezzjoni li l-istatut jikkontempla hi limitata għall-**identità ta' kull min jidher quddiemu** jew quddiem Membri tal-Bord'';

3. Dan ifisser illi x-xhud jista' ''javanza l-privileġġ'' li ma jewġibx in forza ta' din il-klawsola **biss** fir-rigward ta' dawk id-dokandi li b'xi mod jistgħu jippreġudikaw l-identità' ta' dawn il-persuni. Dan naturalment jeskludi ċerti domandi li l-Bord kellu kuntatt. Dawn jinkludu domandi ovvjament innokwi bħal kemm-il darba ltaqa' l-Bord u min mill-Membri tiegħu kien preżenti;

4. Jiġi rrilevat – u dan hu importanti – illi l-attur kien u jiddikjara li għadu membru tal-Partit tal-Ħaddiema. Bħala tali hu għalhekk **marbut** bl-istess Statut tas-soċjetà li tagħha hu membru, u għandu l-obbligu jissottometti ruħu għall-provvedimenti kollha tiegħu. Jeħtieġlu allura jirrikonoxxi anke d-diskrezzjoni li l-Istatut jagħti lill-Bord tal-Viġilanza u Dixxiplina biex jipproteġi identità ta' kull min jidher quddiemu jew quddiem il-Membri tiegħu. Dan naturalment ma jippreklmudihx milli jikkontesta – kif qed jagħmel bil-preżenti azzjoni – l-aġir ta' dan il-Bord bħala li jkun allegatament lesiv tad-drittijiet fundamentali tiegħu;

5. L-attur isostni illi l-provvedimenti ta' l-Istatut dwar il-Bord tal-Viġilanza minn 1 sa 6 (jiġifieri l-Kap. VIII kollu) ġew kollha miksura – naturalment fil-konfront tiegħu. Dan ukoll ma jidhirx *prima facie* sostenibbli in kwantu **jistgħu jkunu rilevanti biss** għall-każ in eżami dawk l-allegati infrazzjonijiet illi b'xi mod **jinfluwixxu fuq il-mertu** u t-talbiet kif proposti. Inoltre hu ċar ukoll illi salv preċiżazzjonijiet ulterjuri mill-attur, ċerti allegati irregolaritajiet jew infrazzjonijiet ta' l-Istatut mill-Bord ta' Viġilanza u Dixxiplina jkunu Ħaddiema u finalment mill-Konferenza Ġenerali tiegħu li għaliha u lejha l-Bord għandu, skond l-istess Statut, jirrispondi;

Ikkunsidrat:

Ir-risposta għall-kweżit quddiem il-Qorti trid tiġi inkwadrata qabel xejn mad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 563 *et seq* tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) li jittratta fuq ix-xhieda. Mhux ikkontestat li l-persuna li qed tiddeponi hi xhud kompetenti skond il-liġi u bħala tali "**għandu jwieġeb għal kull mistoqsija li l-Qorti tippermetti li ssirlu**". Għal din ir-regola fundamentali ta' proċedura, il-Kodiċi jipprovdi biss, fil-kamp ċivili, għall-eżenzjoni tax-xhieda bejn il-konjugi f'ċerti ċirkostanzi (art. 566(1) ) – provvediment li jirriżulta wkoll f'ħafna leġislazzjonijiet esteri fosthom dik Ingliża, Taljana, Awstraljana u Amerikana, u għax-sigriet professjonali ta' l-avukat mal-klijent – ukoll ġeneralment aċċettat, u dak tas-saċerdot u l-penitent li mhux kulħadd jirrikonoxxi almenu fl-istess grad. Dan is-sigriet **professjonali** hu rregolat bl-artikolu 588 tal-Kap. 12. Huwa mbagħad is-sigriet *ratione officii* kkontemplat fl-artikolu 590 subinċiż (2) li ma jidhirx rilevanti għall-każ in eżami;

Hu fatt illi, fl-istat attwali tal-liġi nostrana, ma jista' jiġi nvokat direttament l-ebda "privileġġ" li jeżenta lill-persuna kompetenti biex tixhed milli tixhed in vista tal-**kunfidenzjalità** jew ta' **sigriet** li taħtu l-persuna msejħa biex tixhed tkun riċeviet informazzjoni minn terza persuna. Il-Qorti ma tiddubitax illi jeżistu fis-soċjetà moderna ċirkostanzi, relazzjonijiet u professjonijiet li jeħtieġu ċertu grad ta' protezzjoni tas-sigriet biex jiġi assigurat li tingħata l-informazzjoni meħtieġa essenjali biex il-persuni nvoluti jkunu jistgħu jaqdu d-doveri tagħhom sewwa u b'mod fruttiferu. Ovvji fost dawn huma per eżempju l-ġurnalisti, it-tabib u l-pazjent, l-*accountant*, u s-*social worker* li ġà taħt leġislazzjonijiet oħra qed jiġi rikonoxxut lilhom grad ta' "privileġġ" relattiv. Il-Qorti ma tinnegax illi hija ġusta u f'postha l-konsiderazzjoni fl-artikolu 5 tal-Kap. VIII ta' l-Istatut tal-Partit tal-Ħaddiema li jipprovdi għall-protezzjoni ta' l-identità tal-persuna li tkun dehret quddiemha u tat informazzjoni li tista' twassal biex jiġi indizjat b'irregolarità xi membru tal-Partit. Tifhem li tali protezzjoni tista' tkun *sine qua non* biex tiġi assigurata l-informazzjoni illi ma kinitx tingħata kieku ma kienx għall-kopertura tas-segretezza promessa. Tifhem ukoll illi l-Bord tal-Viġilanza u Dixxiplina hu organu importanti statutorju fil-Partit tal-Ħaddiema li hu maħsub biex iservi bħala "*watchdog*" tal-Partit fuq it-twemmin u l-politika tiegħu u t-tħaris tagħhom mill-membri kollha tiegħu bis-saħħa li jieħu passi kontra min jitqies li abbuża minnhom. Hu maħsub bħala strument għat-tisħiħ tal-proċess demokratiku u li – indipendentement mill-opinjoni li wieħed jista' jkollu dwar l-opportunità tat-twaqqif tiegħu – mhux eskluż li jkun allura jikkwalifika għal ċertu grad ta' protezzjoni għall-identità ta' min ikun ipprovda l-informazzjoni akkwiżita, kieku tali protezzjoni kienet ikkontemplata fil-liġi, dana biex il-Bord ikun jista' jiffunzjona b'mod effikaċi;

Il-Qorti, naturalment, trid tkun iggwidata bil-liġi kif inhi llum. Id-domandi li jistgħu jsiru lix-xhud jeħtieġu li jkunu (1) **rilevanti** għall-mertu, u (2) **neċessarji** għall-mertu. Il-Qorti għandha wkoll grad ta' diskrezzjoni biex tirregola d-domandi li jistgħu jsiru lix-xhud li toħroġ mill-artikolu 587 tal-Kap. 12 fuq iċċitat. Infatti x-xhud għandu veru jwieġeb għal kull mistoqsija, imma **biss** għal dawk **"li l-Qorti tippermetti li ssirlu"**. Provvediment dan li interpretat b'mod liberali jagħti diskrezzjoni wiesgħa lill-Qorti biex tikkonduċi s-smigħ tax-xhieda fl-aħjar interess tal-ġustizzja;

Il-Qorti ssib ispirazzjoni fil-kunsiderazzjoni espressa minn Lord Donovan L.J. fil-kawża *"Attorney General vs* Mulholland" (1963) Q.B. 477 – riportata fit-*test "Practical Approach to Evidence* – Peter Murphy – p. 366;

*"While the journalist has no privilege entitling him as of right* (bħax-xhud Evarist Bartolo) to refuse to disclose the source, so I think the interrogator has no asbolute right to require such disclosure. In the first place the question has to be relevant to be admissible at all; in the second place it ought to be one the answer to which will serve a useful purpose in relation to the proceedings in hand – I prefer that expression to the term "necessary". Both these matters are for the consideration and, if need be, the decision of the judge. And over and above these two requirements, there may be other considerations, impossible to define in advance, but arising out of the infinite variety of fact and circumstance which a court encounters, which may lead to a judge to conclude that more harm than good would result from compelling a disclosure or punishing a refusal to answer";

Il-Qorti jidhrilha li għandha tiġi ggwidata wkoll f'dawk li

qal dwar id-dover ta' l-Imħallef f'ċirkostanzi simili Lord Wilberforce fil-kawża *"British Steel Corporation vs Granada Television Ltd."* riportata fit-*test* *"The Modern Law of Evidence"* ta' Adrian Keane *(2nd Edition)* p. 396:

*"The Judge will respect the confidences which each member of these hounourable professions receives in the course of it, and will not direct him to answer unless not only it is relevant but also it is a proper and, indeed, necessary question in the course of justice to be put and answered. A judge is the person entrusted, on behalf of the community, to weigh these conflicting interests – to weigh on the one hand the respect due to confidence in the profession and on the other hand the ultimate interest of the community in justice being done..... If the judge determines that the journalist must answer, then no privilege will avail him to refuse";*

Jingħad finalment:

*"The last general observation concerns the effect of upholding a claim to privilege. This involves withholding important information from the court as the expense of what may be abstract justice to one of the parties. It follows that there should be good cause, plainly shown, for the existence of any privilege (Wigmore 8 para 2190)..... The crucial question is whether there is some interest protected by the privilege which is at least as significant as the proper administration of justice". (Cross of Evidence (2nd Australian Edition), p. 263;*

Applikati l-konsiderazzjonijiet fuq magħmula għall-verbal tat-3 ta' Marzu, 1993, il-Qorti tiddeċidi kif ġej:

1. Fir-rigward tat-talba biex ix-xhud jgħid **għand min** qegħdin xi dokumenti relattivi għall-investigazzjoni tal-Bord tal-Viġilanza fuq l-attur li jeżistu imma ma kinux f'idejh, din id-domanda ma hijiex f'dan l-istadju rilevanti u neċessarja. Il-Qorti tista' tikkonsidra din id-domanda mill-ġdid jekk u meta jiġi deċiż li dawn id-dokumenti huma ammissibbli bħala prova u tiġi awtorizzata l-produzzjoni tagħhom;

2. Il-Qorti tara rilevanti d-domanda dwar **in-numru** ta' laqgħat tal-Bord fejn ġie ttrattat il-każ li jirrigwarda l-attur. Hi wkoll neċessarja in vista tal-premessa ta' l-attur illi ġew ivvjolati lilu d-drittijiet fundamentali tiegħu u li l-Bord aġixxa kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali fil-konfront tiegħu. Ma tarax li risposta għal din id-domanda tista' b'xi mod tippreġudika l-identità tal-persuni li magħhom kellu kuntatt il-Bord jew il-membri tiegħu. *Id-domanda hi ammissibbli* u għandha tiġi mwieġba mix-xhud;

3. Ma hi bl-ebda mod rilevanti għall-mertu tal-kawża d-domanda meta saru dawn il-laqgħat. Lanqas m'hi neċessarja għall-prova tal-kawżali ta' l-attur u tista' anke tippreġudika l-element ta' *kunfidenzjalità li l-Qorti hi tal-fehma li għandu* kemm hu possibbli kompatibilment mad-drittijiet tal-kontendenti u l-interess tal-ġustizzja, jiġi protett. Din id-domanda mhix ammissibbli;

4. Il-Qorti tara rilevanti u neċessarja d-domanda dwar in-numru tar-rapporti kontra l-attur li kkonsidra l-Bord. Dana għaliex jirriżulta mill-atti proċesswali illi l-Bord tal-Viġilanza jasserixxi illi kkonsidra rapporti minn Membri tal-Partit kontra l-attre oltre dawk illi ġew ikkunsidrati fir-rapport tal-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni mwaqqfa b'liġi

apposta. Interessa allura lill-attur ikun jaf kemm kienu dawn ir-rapporti anke in vista tal-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-Bord ta' l-20 ta' Marzu, 1990, u dokumenti oħra minnu rilaxxjati. Id-domanda hi permissibbli u l-Qorti ma tarax preġudizzju għall-element tal-kunfidenzjalità. Għandha għalhekk tiġi mwieġba;

5. Il-Qorti ma tara l-ebda rilevanza għas-sustanza tal-mertu tal-kawża d-domanda meta saru dawn ir-rapporti waqt li r-risposta tista' tkun preġudizzjevoli għall-element ta' kunfidenzjalità u tista' tagħti indizji, anki ċari, dwar min setgħu kienu *l-persuni li għamlu* r-rapporti *kontra l-attur. Din* id-domanda ma hix għalhekk ammissibbli.